RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 09 (Kontinwazzjoni)**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Alexander Craus | Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**5.00 Abbozz ta' Stemma**

5.01 Saret diskussjoni bejn il-membri kollha dwar dan l-abbozz. Kien hemm qbil li din l-istemma ghandha tinkludi l-istemma tar-Rabat, peress li l-Bahrija ghadha taghmel parti mir-Rabat, il-Qabru (granc ta' l-ilma helu li jinsab fil-Bahrija biss), it-tlett ponot ta' kulur ahdar li huma l-Ponta tal-Qolla, il-Ponta tal-Qliegha u l-Ponta ta' Ghajn Bierda. Ghaldaqstant, il-kumitat qabel li ghandna naghmlu kuntatt ma' l-artist Joe Sultana sabiex jiddisinja l-abbozz fuq dawn il-kriterji. Dan l-abbozz ghandu jigu ccirkolat bejn il-membri tal-KA qabel ma jintbaghat id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-Kumitat qabel.

Abbozz ta' Stemma

**6.00 Tender tal-latrina pubblika**

6.01 Saret diskussjoni bejn il-membri kollha dwar it-tender ezistenti. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li minnflok tender, il-Kunsill jista johrog kwotazzjoni peress li l-ammont ta' Euro 4659 mhux qed jinqabez.

Tender tal-latrina pubblika



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

6.02 Is-Sur Anglu Portelli ssuggerixxa li din il-latrina tibda tinfetah kulljum peress li l-lavranti li jigu bix-xoghol qed isibu l-latrina maghluqa. Huwa sahaq dwar l-importanza li jkun hemm *attendant* maghha biex jigi evitat l-abbuz.

6.03 Is-Sur George Attard sahaq li l-budget huwa limitat u ghaldaqstant ma jhossx li nistghu nibdew nifthuha kulljum.

6.04 Is-Sur Paul Galea ssuggerixxa li din ghandha tibda tinfetah is-Sibt u l-Hadd fix-Xitwa biss.

6.05 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li biex ma jkunx hemm qabza fil-prezz, importanti li nzommu ma' l-istess kundizzjonijiet. Ghaldaqstant il-Kumitat qabel li tohrog kwotazzjoni bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt ezistenti.

**7.00 Tender tas-Soft Area**

7.01 Saret diskussjoni bejn il-membri kollha prezenti dwar it-tender ezistenti. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li tista tohrog kwotazzjoni minnflok tender peress li l-offerta ezistenti hija amalgamata ma' soft areas li jaqghu taht ir-Rabat u mhux taht il-Kumitat Amministrattiv. Ghaldaqstant is-Sur Paul Grech ippropona li tohrog kwotazzjoni. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Tender tas-Soft Area

7.02 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea staqsiet jekk nistghux inzidu l-knis mat-tender tas-soft area jew ma' tal-latrina. Is-Sur Paul Grech qal li filwaqt li jixtieq li ghandna bizzejjed finanzi biex inzidu l-knis ukoll, il-prijorita assoluta tal-KA ghandha tkun li naghmlu kemm nistghu resurfacing ta' toroq.

**8.00 Affarijiet Ohra**

8.01.1 Is-Sur Paul Grech nforma l-laqgha li gvern hareg skema ta' finanzjament ghall-progetti u inizjattivi ghall-kumitati amministrattivi. Il-proposta tal-Kumitat Amministrattiv ghandha tasal ghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sa mhux aktar tard minn nofsinhar tad-29 ta' Lulju 2011. Il-proposta li se nissottomettu m'ghandiex taqbez l-ghoxrin elf ewro. Huwa ppropona li l-Kumitat Amministrattiv Skema ta' Finanzjament u Inizjattivi ghall-KA

ghandu jaghmel resurfacing ta' triq li hija l-aktar iffrekwentata mis-sewwieqa.

8.01.2 Is-Sur Anglu Portelli ppropona li bhala toroq nistghu naghmlu wahda minn dawn it-toroq: Bingemma li taghti ghas-Santi, l-ahhar parti ta' Triq il-Kuncizzjoni, il-Misrah, is-Sirena jew Landrijiet (minn hdejn il-White House).

8.01.3 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea ssuggeriet li nimxu fuq l-istima diga mahruga mil-perit tal-Kunsill. Hija sahqet li huwa minnu li t-triq tas-Santi tintuza hafna, pero l-iktar problema li ghandna huwa Misrah Patri Martin Caruana, pero dan ma jfissirx li l-Misrah huwa ta' aktar importanza mit-Triq tas-Santi.

8.01.4 Is-Sur George Attard qal li Misrah Patri Martin Caruana hemm problema kbira tad-drenagg u ta' l-ilma tax-xita. Din it-triq trid tinbena mill-gdid u ghoxrin elf ewro zgur li m'humiex bizzejjed biex isir ix-xoghol kollu mehtieg fuq dan il-Misrah.

** Is-Sindku hareg mil-laqgha fis-7.30 p.m.

8.01.5 Is-Sur Paul Grech qabel ma dak li qal is-Sur Attard. Fil-fatt huwa qal li minn spezzjoni li ghamlet il-perit tal-Kunsill, irrizulta li t-triq trid tinqala u jsiru l-culverts. Irid isir pjan shih u l-unika problema hija li m'ghandniex bizzejjed fondi biex isir progett bhal dan.

8.01.6 Is-Sna Joanne Farrugia Galea wkoll qalet li r-residenti tas-Sirena qed jaffaccjaw problema kbira ta' ilmijiet kbar ta' ilma kull meta taghmel ix-xita.

8.01.7 Il-Kumitat qabel li ghandha ssir it-triq li minn Bingemma taghti ghas-Santi peress li hija l-aktar triq iffrekwentata mis-sewwieqa.

8.06 Is-Sur Anglu Portelli sahaq li r-residenti qed igergru minhabba n-nuqqas ta' qtugh ta' haxix u ta' patching. Huwa ppropona li mqar jinqata l-buzbiez. Qtugh ta' Haxix

8.07 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li r-residenti ta' l-Ghemmieri qed jilmentaw hafna sabiex jinqata l-haxix hazin ta' hdejn ir-residenzi ta' l-Ghemmieri. Is-Sur Paul Grech qal li bhalissa ma kienx qed isir qtugh ta' haxix sabiex il-flus jigu trasferiti biex isir l-extensive patching. Pero se jmur jispezzjoni l-area hu personalment u jekk jara li hemm hafna haxix, se jipproponi fil-laqgha tal-Kunsill sabiex dan jinqata.

8.08 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li r-residenti ta' l-Ghemmieri qed jitolbu wkoll sabiex titpogga skip ta' l-iskart imhallat. Is-Sur Paul Grech qal li se jitnehhew tlett skips minn post iehor, u li wahda minnhom ser titpoggha proprju l-Ghemmieri. Skip fl-Ghemmieri

8.09 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li xi residenti gibdulha l-attenzjoni li ta' l-irham ta' Bieb ir-Ruwa qed isuq il-fork lifter fit-triq. Dan huwa ta' periklu peress li din hija triq principali. Is-Sur Paul Grech qal li diga kien sar kuntatt ma' l-Ghassa tal-Pulizija. Hu ser jerga jkellem lill-Ispettur sabiex jigbidlu l-attenzjoni li l-problema ghadha ma ssolvietx. Bieb ir-Ruwa

8.10 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea irrimarkat dwar il-fatt li qed isir parkegg bl-addocc f'Misrah Patri Martin Caruana u ghaldaqstant issuggeriet li jsiru 'parking bays' sabiex norganizzaw il-parkegg. Sistema ta' parkegg u traffic management f'Misrah Patri Martin Caruana

8.11 Is-Sur Anglu Portelli ssuggerixxa li jsiru zewg roundabouts catti, wahda fil-bidu tal-Misrah u l-ohra fil-genb tal-Misrah.

8.12 Is-Sur Paul Galea qal li apparti li fi ftit gimghat ohra ser jibda t-trasport pubbliku ta' l-Arriva, ix-xoghol kollu ta' traffic management li ser naghmlu f'dan il-Misrah ikun kollu ghalxejn jekk kemm il-darba dan il-Misrah ikollu jinqala sabiex isir ix-xoghol kollu mehtieg biex tissolva l-problema ta' l-ilma tax-xita u tad-drenagg.

8.13 Is-Sur Anglu Portelli qal li ghandna naraw jekk nistghux inwessghu Triq il-Karita qabel ma napplikaw biex issir sistema ta' traffic management. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex naraw jekk l-art in kwistjoni hijiex tal-gvern jew tal-privat. Inghatjna risposta li t-talba taghna ghaddiet lill-Works Division sabiex isir aktar stharrig dwar dan il-fatt. S'issa ghadna ma rcevejna l-ebda risposta.

8.14 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea rrimarkat dwar il-fatt li l-area li qed jitkellem fuqha s-Sur Portelli fiha l-'cart ruts' u ghaldaqstant huwa ferm difficli li jinhareg xi permess biex din tigi zviluppata.

**5.00 Aggornament**

5.01 Peress li l-agenda giet ezawrita, l-laqgha spiccat fit-8.15 p.m. Aggornament

5.02 Il-laqgha li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv ser issir nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2011 fis-6.30 p.m.

Paul Grech.

**Paul Grech**
**Chairperson**

f **Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**